MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 339/2009

**Il-Pulizija**

**(Spt. Norbert Ciappara)**

**Vs**

**Colin Vassallo**

**Illum 6 ta' Novembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Colin Vassallo, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 222676M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 t'April, 1999 u matul il-granet ta' qabel din id-data,

1. kkoltiva l-pjanta Cannabis, u dan bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta w jew kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Settembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 8(c), 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni w ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €467 liema multa tista' tithallas bir-rata ta' €80 fix-xahar bl-ewwel pagament isir f'mhux aktar minn erba' gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx il-bilanc jithallas kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel fi prigunerija skond il-Ligi.

Ai termini tal-artikolu 533 il-Qorti ma kkundannatx lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura matul l-inkjesta ghax din saret qabel is-16 ta' Jannar, 2006. Izda ikkundannat ihallas l-ispejjez tal-espert Perit Arkitett ghax inhatar matul il-mori tal-process u dawn jammontaw ghal €120.65 (LM 51.56).

Dawn ghandhom jithallsu fi zmien xahar.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w tiddikjarah mhux hati ta' din l-imputazzjoni w minnha tilliberah, u tirriformaha in kwantu ghal piena rigwardanti t-tieni imputazzjoni billi timponi piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi d-dikjarazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li l-appellant huwa hati ta' l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu hija wahda "unsafe and unsatisfactory". Bir-rispett jintqal li l-apprezzament tal-provi hekk kif maghmul mill-Ewwel Qorti ma jonorax il-kweziti legali li l-Kodici Kriminali jimponi dwar kif ghandhom jigu marbula l-provi min minn ghandu jiggudika. Il-mod li bih sar l-apprezzament ta' provi, jemergi mis-sentenza per se. Jidher ampjament car li l-Ewwel Qorti strahet biss fuq dak li qal l-Ispettur Norbert ciappara w PS 201 Sandro Magro. Il-kumplament tal-provi, ilkoll migjuba l-quddiem mill-prosekuzzjoni w b'mod partikolari, r-rapport tal-perit Arkitett Richard Aquilina, w ix-xhieda moghtija minn Dr. Julie Galea MD, lanqas ma giet moghtija lilhom l-importanza li tehtieg li tinghatalhom. Kull dubbju ghandu jmur favur kull persuna imputata jew akkuzata. Fil-kaz odjern mhux talli d-dubbji ma nghatawx favur l-appellant odjern izda lanqas ma gew mgharbla l-provi b'lenti li tinkludi ukoll l-ottika tal-appellant odjern. Minn harsa lejn is-sentenza appellata, jidher kif l-Ewwel qorti wiznet il-provi biss u sempliciment sabiex dak li qalu l-ufficjali tal-Pulizija jkun konfermat b'sentenza ta' Qorti. Dan jiehu xejra aktar serja meta wiehed iqis kif l-interventi maghmula mill-Ewwel Qorti (hekk kif kienet presjeduta) matul il-kontro ezami ta' PS 201 Sandro Magro, lanqas ma gew ikkunsidrati bir-reqqa li kien jisthoqqilhom, izda gie biss ikkunsidrat li dan ix-xhud qal l-istess verzjoni ghal ghaxar darbiet – fattur li l-Ewwel Qorti hekk kif prejeduta sahqet aktar minn darba fil-varji sentenzi taghha li l-pluralita' ta' drabi li fihom xhud jghid l-istess verzjoni tal-fatti mhijiex raguni valida bizzejjed sabiex dak ix-xhud jittiehed bhala wiehed li qieghed jghid il-verita'. L-apprezzament tal-valur tax-xhieda ta' PS 201 hekk kif maghmul mill-gudikant togat li ddecieda dan il-kaz huwa aktar inkwetanti meta wiehed iqis li l-istess gudikant fis-sentenza appellata, jikkwota biss il-verzjoni tax-xhieda ta' dan ix-xhud li l-aktar taghti sostenn lit-terzi tal-prosekuzzjoni, u jkunu eskluzi it-

twegibiet li dan ix-xhud jkun ta fil-bidu tal-kontro ezami tieghu stess, fuq mistoqsijiet tal-Qorti hekk kif kienet presjeduta. Il-fattur li surgent tal-Pulizija, bhala persuna mdorrija li tkun suggetta ghal kontro ezami fuq bazi gornaljiera, ra kif ghamel sabiex rega' gabar giehu wara li qal il-verzjoni korretta ta' x'diskors intqal lilu mill-appellant, liema verzjoni naturalment ma tikkombacjax mat-tezi tal-prosekuzzjoni, ma inghata l-ebda piz mill-Ewwel Qorti anzi gie skartat kompletament.

2. Illi galadarba l-ewwel aggravju kif su espost jkun milqugh minn din il-Qorti, ghandu jkun hemm temperament fil-piena, in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tal-ammont tas-sigarett tal-cannabis misjub, u ta' kull raguni ohra li tista' tirrizulta fit-trattazzjoni ta' dana l-umli appell.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tlieta (3) ta' April tal-elf disa' mija disgha u disghin (1999) ghal xi l-kwarta ta' waranofsinhar (12.15 p.m.) sar roadblock mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta fejn twaqqfet vettura bin-numru ta' registrazzjoni COL 283 li fiha kien hemm l-appellant bhala xufier u persuna ohra Angele Ellul. F'din il-vettura instabet joint jew sigarett maghmul mill-kannabis resin u ghalhekk il-pulizija gew infurmati. Meta kellmu lill-appellant qalulu illi se ssir tfittxija fid-dar tieghu. L-appellant informa lill-istess pulizija illi kienu se jsibu xi xtieli tal-pjanta kannabis. Dan fil-fatt sar u fil-hogor tat-tieqa fil-kamra ta' hu l-appellant, Trevor, instabu xi xtieli tal-kannabis. Tressaq il-Qorti u b'sentenza tal-erbatax (14) ta' Settembru tal-elfejn u disgha (2009) instab hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u gie ikkundannat ghal sitt (6) prigunerija u ghall-hlas ta' erba' mija u sebgha u sittin ewro (€ 467), b'modalità ta' hlas, kif ukoll kif kellhom jithallsu l-ispejjez tal-perizji.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif ukoll illi l-piena kienet eccessiva fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat tal-appellant iddikjara illi l-pussess semplici ma kienx qed jigi kontestat izda l-kultivazzjoni iva. L-ewwel Qorti ma kellhiex toqghod fuq ix-xhieda ta' PS 201 u tal-Ispettur Ciappara u tinjora lill-ohrajn, kif ukoll il-pjanta li ipprepara l-espert Richard Aquilina minn fejn jidhru l-erba' pjanti fil-kamra tas-sodda ta' huh Trevor. Dawn kienu zewg kmamar tas-sodda separati u distinti. Fil-kamra tal-appellant kien hemm gallerija u huh kellu tieqa fejn kien hemm il-pjanti. Di più l-Magistrat illi mexxa l-ingenere wasal ghall-konkluzjoni illi kellhom jittiehdu passi kontra l-proprjetarji tal-fond (para. 5 tal-proces verbal). Il-proprjetarju tal-fond ma kienx l-appellant jew huh izda l-genituri taghhom li ma ttiehdu l-ebda proceduri fil-konfront taghhom u lanqas ma ttiehdu impronti digitali mill-qsari fejn kienu qed jigu kultivati l-pjanti. Argumenta illi din il-kawza hija ibbazata fuq provi indizjarji biss u dawn ma jwasslux ghall-konkluzjoni wahda illi dawk il-pjanti kienu qed jigu kostoditi u kultivati mill-appellant peress illi seta' ukoll gew kostoditi u kultivati minn huh Trevor.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tikkunsidra illi x-xhieda ta' PS 201 Sandro Magri ma kellhiex tigi skartata bil-mod kif ippretenda l-appellant. Kien l-appellant stess illi iddikjara mieghu illi kienu se jsibulu xi pjanti tal-kannabis fid-dar tieghu u kien ikkonferma mal-pulizija anke qabel ma saret it-tfittxija li l-pjanti illi kien hemm fid-dar kienu tieghu, li però kienu mizmuma fil-kamra ta' huh. Fil-fatt hekk sar u meta l-pulizija ghamlu t-tfittxija sabu xtieli tal-pjanta kannabis fil-hogor tat-tieqa tal-kamra tas-sodda ta' huh. Hemm ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Ciappara a fol 9 fejn jghid illi l-appellant kien qallu illi ilu jpejjep ir-raza tal-kannabis minn mindu kellu erbatax-il (14) sena. Gieli kien juza grass ukoll u gieli kien juza r-raza. Qallu dwar il-pjanti illi kien ghadda lill-pulizija u li dawn kienu fil-kamra ta' huh Trevor li dak iz-zmien kien l-isptar ghax kellu incident tat-traffiku xi xahar qabel. Meta l-Ispettur staqsa lill-appellant kienx kellem lil huh dwar dawn il-pjanti l-appellant irrisponda le. Izda wara li xi

hin kien qieghed jghid li l-pjanti huma tieghu, l-appellant rega' bdielu u qal illi l-pjanti kienu ta' huh Trevor.

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi migjuba kontra u favur l-appellant u iddecediet illi kellha ssib htija kif fil-fatt sabet fid-decide tas-sentenza taghha. Din il-Qorti ghamlet apprezzament ta' dawn il-provi u waslet ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. U ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------